MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 326/2013

Il-Pulizija

vs

**Carmel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmel Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta Marzu 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Frangiska Galea u/jew lil uliedha s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghal ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta’ Lulju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Galea minnu pprezentat fil-5 ta’ Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi takkolji l-appell tieghu, kwindi thassar u tirrevoka l-ewwel sentenza moghtija kontra tieghu nhar l-1 ta Lulju 2013 u konsegwentement tillibera lill-appellant Carmel Galea minn kull-imputazzjoni u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fix-xhieda taghha mart l-imputat ipproduciet kopja legali tas-sentenza ta separazzjoni in kwistjoni u stqarret li zewgha ma kienx qed ihallasha alimenti skont l-imsemmija ordni kontenuta fl-istess ssntenza. Mistoqsija mill-Qorti ghal liema zmien hija kienet intavolat il-kawza odjerna, hija ma kinietx f'posizzjoni li twiegeb. Tali nuqqas ta risposta da parti tal-kwerelanta hija ferm sinifikanti peress illi rrizulta, anke tramite l-istess xhieda tal-kwerelanta, li l-appellant zewgha kien gia gie liberat minn akkuzi simili ghal aktar minn okkazzjoni wahda mill-istess Qorti. Illi ghalhekk quddiem l-Ewwel Qorti ma kienx hemm il-prova necessarja jekk l-allegat nuqqas fil-kawza odjerna ghax-xahar ta Marzu 2013 kinietx gia giet deciza o meno b'sentenza precedenti fejn l-appellant ghal darba, tnejn jew aktar kien gie liberat minn akkuzi simili.

Illi minghajr pregudizzju ghal premess pero' u ghal finijiet ta' piena, jigi rilevat li l-piena karcerarja mposta fuq l-appellant hija wisq severa meta tqis il-fatt li l-allegat nuqqas tieghu gej mhux minn semplici pika jew ksuhat izda ta' bniedem mhux legali huwa rraguna li ghandu jottempora ruhu mal-ordni tal-Qorti hekk kif u jekk biss martu wkoll tonora d-decizjoni tal-Qorti moghtija fl-istess sentenza ta' separazzjoni personali fuq citata;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju, 2015 seduta stante l-appellant hallas dak kollu dovut.

Gghaldaqstant, tichad l-appell tal-appellant Carmel Galea u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' gimghatejn detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------